Minuti tal-Laqgha Nru. 63 tal-Kunsill Lokali Ghaxaq li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju 2009 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Prezenti | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sinjura Emanuela Muscat |
| Ufficcjali | |
| Is-Segretarju Ezekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Prezenti ghall-laqgha kien hemm ukoll is-Sur Gwido Agius, Barman fil-Kazin tal-Labour.

Agenda

1. Minuti;
2. Taghrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Skeda ta' Hlas ghal Mejju '09

   b) Petty Cash
5. Hlas tal-kisi tat-Toroq;
6. Sponsor Ghaxaq Football Club;
7. Suggerimenti mill-Kunsilliera.

GĦAXAQ

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 62 kienu cirkolati u ttiehdu bhala moqrija. Dawn gew approvati unanimament wara proposta tal-kunsillier Agius sekondata mill-Vici Sindku.

2. **Taghrif mill-Minuti**

(Item 5.) Il-Kuntrattur Scembri Barbros gie nfurmat li l-Offerta tieghu ghal mini-pitch giet milqughha.

Dwar SkolaSajf (item 6) il-Kunsill hejja cirkulari biex tigi mqassma mal-fuljett tal-Kunsill. Il-Kappillan gie infurmat ukoll biex javza fil-knisja dwar SkolaSajf.

3. **Korrispondenza**

3.1 Is-Segretarju qalet li rceviet ittri:

a) Stedina mill-Fratellanza San Guzepp ghal quddies li ser isir nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2009 fis-6.30pm u ohra il-Hadd Jum il-Festa ta' San Guzeqq fit-8.30am.

b) L-Istitut tal-Kriminalita nfurmana li ser issir Konferenza bit-tema "Preparing & Handling Opportunites for Employment". Din ser isir nhar il-5 ta' Gunju 2009, il-lukanda Westin Dragonara.

c) Il-MEPA nfurmatna li laqghet it-talba tal-Kunsill ghal fondi w ghalhekk nhar il-Erbgha 27 ta' Mejju 2009 is-Sindku u s-Segretarju ser jiffirmaw dan il-Kuntratt. Ircevejna ukoll Applikazzjoni 1574/09 biex jinbnew garaxxijiet u appartamenti fi Triq Mikelang Zammit. Il-MEPA baghtet ukoll formoli kif l-Kunsill ghandu japplika minn issia ll-quddiem ghal fondi taht li Skema UIF.

d) Ircevejna cekk ta' 9,500 Euro minghand il-Kumitat Kongunt. Dawn il-flus huma parti mis somma li l-Kunsill ghandu jiehu bhala hlas mic-citazzjonijiet.

e) Il-BOV laqghu it-talba tal-Kunsill biex ihallsu ghal riklam fil-fuljett izda l-fuljett kien diga stampat u ghalhekk din l-offerta niehduha meta ninhtieguha aktar il-quddiem.

f) L-ETC baghatet stedina ghal Seminar dwar il-"European Social Fund Project" li ser isir nhar 27 ta'Mejju 2009 fis-7.00pm. Ghal dan is-Seminar ser jattendu is-Sindku u s-Segretarju.

g) L-AKL qeda tippartegipa fil-progett ALL.4.EU u ghalhekk ser torganizza seminar nhar it-30 ta' Mejju fid-9.00am l'Osborne Hotel. Infurmatna dwar il-Climate Change Award kif ukoll dwar korsijiet "Library Information" li ser isiru l-Universita ta' Malta.

h) Is-Segretarjat tal-MLP baghat draft tal-Abbozz ta' Ligi dwar il-Kunsilli Lokali.

i) Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rcevejna link ghas-sit fejn nistghu nsibu guidelines b'referenza ghal MEMO 26/2009 dwar Kuntratt gdid dwar gbir ta' sart organiku, MEMO 28/2009 Skemi dwar Enterprise Support Award u Green Challenge Award.MEMO 31/2009 Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali MEMO 32/2009 dwar L-Elezzjoni fejn sahqet li ma jsir ebauzu minn xi assi tal-Kunsill ghal skop\propoganda konnessi ma' l-Elezzjoni.MEMO 33/2009 dwar Regolamenti ta' 2009 dwar il-Kunsilli Lokali (Gemellaggi). Id-Dipartiment nfurmana ukoll li ser issir konferenza bit-tema "Climate Change - Cities and Local Governments make a Difference Now". Din ser issir Copenhagen bejn it-2 u l-4 ta' Gunju 2009. Gejna infurmati ukoll li l-applikazzjoni ta' li Skema Energy Saving giet ikkunsidrata eligibbli ghal fondi u ghaldaqstant is-Sindku w s-Segretarju il-bierah 25 ta' Mejju attendew ghal-laqgha ma'l-Onor Chris Said fejn gejna mgharfa l-ammont ta' fondi li l-Kunsill ser jinghata huma

j) L-Ghaqda Muzikali San Guzepp infurmat is-Sindku li ma sabet ebda oggezzjoni li l-Barman tal-Kazin tal-Labour, jarma Bar barra fil-Festa ta' San Guzepp. Hawnhekk is-Sur Gwido Agius talab biex jitkellem, hu qal li biex jarma l-imwejjed barra il-Kazin kellu jitlob permess minghand l-Ghaqda Muzikali ta' San Guzepp. Dan ghamlu ghax wara li is-Sur Agius tkellem mas-Sindku, dan ta' l-ahhar qallu li ahjar jekk jitlob permess minghand l-Ghaqda ta' San Guzepp. Is-Sur Agius zied jghid li dan mhux sewwa ghax hu jaf li dan il-permess ghandu jinghata mill-Kunsill u mhux mill-Ghaqda. Is-Sur Agius kellu l-permessi kollha u hassu ngurjat hafna meta kif qal hu kellu jmur arkuptejh quddiem l-Ghaqda ta' San Guzepp biex jarma l-imwejjed.

Is-Segretarju tal-Kunsill qalet lis-Sur Agius li l-Kunsill ma kien jaf b'xejn u lilha hadd ma avvicinaha fuq din il-kwisjoni, qaltlu wkoll li dawn l-affarijiet ma jigux diskussi barra il-bieb tal-Kunsill ghax kultant dawn jaslu ghand il-Kunsill meta jkun tard wisq. Hi qalet ukoll li kienet sorpriza meta rceviet ittra indirizzata lis-

Sindku fejn l-Ghaqda ta’ San Guzepp qed tghid li ma sabet ebda oggezzjoni meta din l-Ghaqda fil-fatt ma kellha l-ebda awtorita li tghamel dan.

Is-Sindku qal li qal dan id-diskors lis-Sur Agius biex imur jitlob permess mil-Ghaqda minhabba li fi klawsola tal-ftehm li hemm bejn iz-zewg kazini hemm li ma jhallux nies hdejn il-kazini waqt il-marc u ghalhekk jekk ikun hemm in-nies ma l-imwejjed dawn ma jkunux jistghu jigu mitlubin iqumu.

Is-Sur Agius qal li jekk dan il-ftehim jorbot liz-zewg socjetajiet tal-banda li ebda socjeta li ma tkunx qeda torganizza l-festa taghha ma tista thalli nies fuq il-bankina ta’ quddiem il-bibien principali taghha, dan ma jghoddx ghal-lghaqda li hu ghandu l-bar maghha minhabba li din ma I marbuta ma l-ebda ftehim u ghalhekk hassa stramba kif gie mitlub li jgib permess minn ghaqda ohra..

Rose Agius qalet li ma tistghax tifhem li permessi li johorgu mill-Kunsill ghandhom ikollhom xi forma ta’ permessi ohra mahruga minn ghaqdiet ohrajn fir-Rahal.

Hawn is-Sur Agius indika li fl-istess triq fejn hu gie mitlub biex inehhi l-imwejjed ghax ma kienx jistgha jaddi l-marc aktar il-fuq f’din l-istess triq fejn kien hemm karrozzi ipparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, il-marc ghadda xorta wahda minghajr tfixkil.

Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill ghandu jerfa ir-responsabilita jekk ghandux johrog il-permessi jew le u mhux noqoghodu inserrhu fuq permessi ohra mahrugin minn ghaqdiet ohra lokali kif kien dan il-kaz.  Il-Kunsill ghandu jerfa ir-responsabilita jekk johrogx permessi fuq kull kaz partikolari u ghandna nghamlu dan fuq l-Avviz Legali Reg. 3 ‘Kundizzjonijiet Generali li Japplikaw Ghal Kull Awtorizzazjoni Mahruga Mill-Kunsilli Lokali’ mahruga mil-Gvern u fuq ir-Regolamenti tal-Pulizija mahrugin ukoll fuq dawn it-tip ta’ permessi.

Din l-Ghaqda talbet ukoll biex tuza l-kamra ta' fuq Santu Rokku waqt "Bingo Nights".

k) Is-Sur Joseph Briffa mis-School Library Service baghat email fejn wera ix-xewqa li l-Kunsill jirregala 33 kopja tal-Ktieb "Hal Ghaxaq u Niesu" ghal-libreriji ta' l-iskejjel.

Is-Sur Abdilla qal li ghandna niktbu lis-Sur Briffa u naraw jekk ahna nghatu ktieb lill-libreriji ta’ l-iskejjel dawn humiex lesti li jghatu ktieb huma ghall-librerija tal-Kunsill.

l) Minghand is-Socju tal-MUSEUM Martin Azzopardi rcevejna talba biex il-Kunsill jirregala kopja tal-ktieb Hal Ghaxaq u Niesu ghall-librerija privata tas-Socjeta tad-Duttrina Nisranija.

m) Il-Kumitat Kontra l-Impjant infurmana li s-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2009 giet differita ghal-Gimgha 29 ta' Mejju 2009 fil-5.00 ta' wara nofsinhar.

n) Il-Kunsill tal-Birgu nfurmana li din is-sena BIRGUFEST 2009 ser tigi organizzata bejn il-Gimgha 9 u l-Hall 11 ta' Ottubru 2009 u din is-sena din l-attivita ser issir fuq skala akbar.

o) Minghand Jesper Wittenburg li jirraprezenta l-Vikings baghat email fejn wera ix-xewqa li jigu Malta grupp ta' Vikings ghal Karnival 2010. Dawn il-Vikings mhux qeghdin jistennew hlas ghal wirjiet li jghatu izda jixtiequ li jinghataw b'xejn il-passaggi ta' l-ajru u akkomodazjoni. Il-Kunsill qabel li niktbu lid-Dipartiment tal-Kultura kif ukoll lid-Dipartiment tat-Turizmu.

p) L-MFA baghatet kopja tal-kuntratt li ser jigi iffirmat bejn il-Kunsill u l-MFA.

q) Fondazzjoni Local Action Group Xlokk infurmatna li ser issir laqgha nhar l-Erbgha 10 ta’ Gunju 2009 fis-6.00pm

4. **Materji Finanzjarji**

a) Is-Segretarju pogga fuq il-mejda Skeda ta' hlasijiet ghax-xahar ta' April li kienu jammontaw ghal €20,579.51. Il-Vici Sindku ta' taghrif dwar il-hlasijiet u pproppona li jkunu approvati. Issekondat is-Sinjura Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

b) Il-Vici-Sindku qal li hlas mill-petty cash matul April kien hemm €20.27. Il-Kunsill approva n-nefqiet wara proposta tal-Vici-Sindku sekondata mis-Sinjura Muscat.

5. **Hlas tal-Kisi tat-Toroq**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva il-kont tal-kisi tat-toroq li jammonta ghal €36,217.72, u talab li jigi approvat. Is-Sur Abdilla qal li jekk it-toroq li saru jigu iccertifikati mil-Perit tal-Kunsill li saru tajjeb ma hemm ebda oggezzjoni li dan il-pagament isir. Il-Kunsill qabel unanimament.

6. **Suggerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sindku qal li waslet talba biex sid l-Aussie Bar li qed jirrange hanut Bir-id-Deheb hdejn il-BOV jixtieq jibdel il-wicc tal-bankina u jghamlu bil-madum (kampjun provdut). Dan il-madum huwa non slip u ghalhekk il-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni.

2. Is-Sindku qal li r-Residenti ta' Triq il-Qattus avvicinawh biex issir *sleeping police.* Il-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni wara li jingieb il-permess minghand l-ADT.

3. Is-Sinjura Agius qalet li hemm skips li ma ghandomx ghatu u ghalhekk jehtieg niktbu lill-kuntrattur biex dawn jiehu hsiebhom u jahsilhom ghax issa li gej is-sajf dawn irejjhu.

4. Is-Sinjura Muscat qalet li fi Triq Santa Marija in-naha tal-kappella hemm qiesa benniena fit-triq that il-bankina u qed izzomm hafna ilma ghalhekk ghanda bzonn titranga. Il-Kunsil qabel.

5. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jigu ordnati sitt vjeggi gebel biex ikompli jinbena il-hajt tal-Millieri li ma jmurx jaqa xi hadd go l-ghalqa. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sur Attard qal li fi Triq San Filippu hdejn it-Turretta hemm il-htiega li l-bankina tikber b'sitt pulzieri l-barra minhabba li wheelchair ma jghaddhiex. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li niktbu lill-ADT biex fi Triq l-Miksur kantuniera mal-Bypass titpogga *crash barrier*. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-htiega li jinxtraw boroz tat-tarmac biex jitkomplew it-toroq. l-Kunsill qabel unanimament.

**Aggornament**

Is-Sindku fis-7.15pm aggorna s-Seduta ghal nhar il-Gimgha 26 ta' Gunju 2009 fil-5.30pm peress li l-Agenda kienet giet ezawrita.

Emanuel Vassallo — Therese Xuereb

Sindku — Segretarju Ezekuttiv

**Ikkonfermati il-Gimgha 26 ta' Gunju 2009 fis-5.30pm**